MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. LAURENCE QUINTANO

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2007

Numru 91/2001

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra David (David-Norbert) Schembri ta’ 23 sena iben Antonio u Evangelista nee Micallef, imwieled Pieta fil-15 ta’ Settembru 1977 u residenti 51 Flat 2 Triq Nazzareno Sliema, detentur ta’ karta ta’ l-identita’ bin-numru 369676(M).

Akkużat talli f’dawn il-Gżejjer bejn Jannar u Frar 1999 u f’Settembru 1998 kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’oħra awtorizzata li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli

jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Akkużat ukoll talli f'dawn il-Gżejjer f'Settembru 1998 forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Akkużat ukoll talli sar ricediv skond l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'sentenzi mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) datata 27 ta' Lulju 1995, Awla 10 u mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali datata 31 ta' Lulju 1998.

Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex barra li tapplika l-piena stabbilita mil-liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti, skond l-Artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti rat l-atti kollha tal-proċess inkluż il-fedina penali ta' l-imputat illi tinsab a fol 4 sa 7, l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali tas-17 ta' Marzu 1999 a fol 8; il-kopja tas-

sentenza 'Spettur Martin Bayliss vs David (David-Norbert) Schembri' mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-31 ta' Lulju 1998 u li kienet multa ta' Lm300; is-sentenza mogħtija mill-Maġistrat Dr. Dennis Montebellof is-27 ta' Lulju 1995 li kienet multa u skwalifika; il-proces verbal dwar sejba ta' eroina u raża tal-cannabis f'17 Dock Street Msida fir-residenza ta' Joseph Pace redatt mill-Maġistat Dr. Joseph Apap Bologna fl-1 ta' Ottubru 1998 waqt li s-sejba kienet fl-10 ta' Ottubru 1998 u liema proces verbal jinkludi stqarrija magħmula minn Joseph Pace magħruf bħala l-Parapett; l-istqarrija ta' l-imputat tal-21 ta' Frar 1999 li qeghda a fol 92; il-proces verbal sħiħ redatt mill-Maġistrat Dr. Joseph Apap Bologna li jinsab a fol 62 sa fol 109 intitolat 'Smiegħ ta' xhud Joseph Pace in konnessjoni ma sejba ta' droga skond rapport tal-pulizija ta' l-10 ta' Ottubru 1998'; ir-riferta up to date ta' l-imputat a fol 186 sa 192 u dik ta' Joseph Pace.

Semgħet il-provi bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli prosekutur u l-abbli difensur.

Ikkonsidrat.

Mix-xhieda tas-Supretendent Nicholas Ciappara mogħtija fit-8 ta' Ottubru 2001 jirriżulta illi kienet saret tfittxija f'17 Dock Street Pieta u fost l-affarijiet li nstabu kien hemm borża trasparenti li kien fiha sustanza ta' kulur kannella suspettata eroina. Skond l-ispettur meta kien staqsa lil Pace minn fejn kien ġab il-ħames grammi eroina, dan qal lil kien ħallas LM175 lil ċertu David li joqgħod Ta' Sliema u tah ukoll il-mobile number 0942 1725. Is-Supretendent kien għamel l-investigazzjonijiet biex jara min hu dan David Schembri li joqgħod Ta' Sliema.

L-istqarrija ta' l-imputat

Din saret fil-21 ta' Frar 1999 u fiha l-imputat qal li kien ġuvni u joqgħod mat-tfajla tiegħu. Huwa kellu van AAA 597 tal-marka Transit. Meta kien mistoqsi mistoqsijiet oħrajn, prattikament għal dawn huwa ma wieġeb xejn.

Biss kien hemm mistoqsija illi kienet hekk 'Vera li għidt wkoll li inti għandek tape li hemm fuqu leħen il-Parapett' u wara rrisponda 'Iva'. Mistoqsija oħra kienet 'Veru li għidt illi fuq dan it-tape, il-Parapett ammetta li mhux inti kont li bgħettlu d-droga eroina?' u r-risposta kienet 'Iva'. Mistoqsija oħra kienet 'Veru li għidt li dan it-tape issa qiegħed għand l-avukat tiegħek?' u r-risposta kienet 'Iva.' 'Ngħid sew ukoll li l-avukat tiegħek tak parir biex terġa tirrekordja lill-Parapett kif wkoll lil Noel il-Ġiża' u r-risposta kienet 'Iva'. Mistoqsija oħra, 'Inti lest li tagħti kopja ta' dan it-tape lill-pulizija?' U r-risposta kienet 'Nieħu parir mingħand l-avukat.' Kien hemm mistoqsija wkoll jekk hux veru li kellu telecell bin-numru 097 1098 u huwa wieġeb li kien jużah għax-xogħol iżda kien neħħieħ sena u nofs qabel u imbgħad ma kellux iktar telecells. Imbgħad kien mistoqsi 'In-numru tat-telecell 0942 7125 taf ta' min hu?' U wieġeb li le. Meta kien mgħarraf li dan it-telecell kien jużah hu, huwa reġa qal le. Huwa nnega li qatt biegħ id-droga lil xi ħadd. U baqa' jgħid li mhux vera anke meta kien mgħarraf li kienet saret stqarrija quddiem il-Maġistrat Inkwerenti.

Xehed l-ispiżjar Mario Mifsud a fol 58 li kien imqabbad bħala wieħed mill-esperti matul l-inkjesta. A fol 99 u a fol 99 hemm lista ta' x'kien instab, li kienu ġew elevati l-affarijiet mingħand Joseph Pace fl-10 ta' Ottubru 1998. Saru testijiet għall-presenza ta' eroina u t-total kien ta' 4.168grammi fid-dokument 98CGI202.

Skond il-proces verbal a fol 80 hemm x'kien stqarr Joseph Pace bil-ġurament quddiem il-Maġistrat Inkwerenti ai termini ta' l-Artikolu 24A(12)(13) u 30 A tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Hawn insibu li Joseph Pace kien għaraf l-istess ritratt lil David imsemmi fl-istqarrija. Huwa kien kkonferma l-istqarrija bil-ġurament u għamel xi kjarifiki. A fol 66 insibu illi Joseph Pace fl-istqarrija ġuramentata indika li kien akkwista borża kontenenti 5 grammi ta' eroina madwar 15-il jum qabel mingħand ċertu David ossia David Schembri gia imsemmi u li għandu telefon bin-numru 0942 1725. Huwa kien akkwista din l-eroina għall-użu personali tiegħu għalkemm ammetta li matul il-1996 għal perjodu ta' 15-il ġurnata kien ttraffika u biegħ d-

droga. Din l-istqarrija kienet saret fl-10 ta' Ottubru 1998 u jekk wieħed jara 15-il jum qabel kif qal Joseph Pace, dan ifisser li bejn wieħed u ieħor d-droga kienet inxtrat mingħand min allegatament qed jgħid li nxtrat, jiġifieri David Schembri, madwar il-25 ta' Settembru 1998. Fil-fatt dwar in-numru ta' David Schembri a fol 82 huwa qal li dan ma kienx qed jiftakru bl-amment imma kien miktub fuq biċċa karta illi kienu sabu l-pulizija u meta kien mistoqsi jekk in-numru hux 0942 1725 huwa wieġeb iva. Huwa qal ukoll li kien xtara darba biss mingħand David Schembri. Huwa kien indika wkoll illi kien iltaqa' l-King's Rest il-Gżira xi jum qabel. Dak inhar illi kien xtara mingħand David kien ltaqa' miegħu fejn il-Winter Bar l-Msida. David kien tah in-numru tat-telecell tiegħu u qallu biex iċempillu u jekk ikollu d-droga jagħtih. Fil-għaxija kien mar sab lil David, tah il-flus u tah id-droga eroina.

Joseph Pace xehed fl-20 ta' Frar 2006 a fol 144. Mill-atti tal-proċess jidher illi kien hemm diffikulta biex dan Joseph Pace jinġab u kien hemm ukoll drabi meta kien l-imputat illi ma deherx kif jidher a fol 113 u 114 u fejn kellu jinġab b'arrest. Huwa kkonferma li fid-dar tiegħu kienet instabet kemm eroina kif wkoll cannabis. Hu qal a fol 146 li kien semma lil David Schembri bħala l-persuna li mingħandu kien akkwista l-eroina. Dwar l-ammont, huwa ma setgħax jiftakar għax kien għadda ż-żmien. Meta mistoqsi jekk kienx jaf kunjom David a fol 147 huwa qal le. Hu fl-istess fol 147 meta l-prosekutur staqsieh 'Dan David qed tarah f'din l-awla?' Ix-xhud qed 'Mhux qed ngħarfu. Mhux qed narah.' Imbgħad qal kont nafu għax issa ilni ma narah. A fol 148 il-Qorti qaltlu 'Ħares lejh sewwa jekk jogħġbok u fakkritu li qiegħed bil-ġurament għal darba darbtejn.' Huwa kien jafu bħala magħlub ħafna u mhux hekk. Meta l-prosekuzzjoni staqsietu 'Kont tafu, f'liema sens kont tafu?' Ix-xhud wieġeb 'Xtrajt darba droga mingħandu u daqshekk.' Meta l-prosekuzzjoni għafset a fol 149 u staqsietu, 'Huwa l-istess persuna dan David li inti taf bħala David li qiegħed hawn fl-awla?' Ix-xhud qal 'Illum qed narah totalment differenti Sur Maġistrat.' Il-prosekuzzjoni imbgħad staqsiet 'Imma huwa l-istess persuna David?' Ix-xhud qal, dejjem a fol 149 'Iva ta. Naħseb imma qed narah differenti ħafna minn meta nafu jiena. Dan ilni ma

narah żmien twil jiena' Il-Qorti reġgħet fakkritu li kien bil-ġurament. Imbgħad ix-xhud qal li kien nesa' x'qal 9 snin qabel. Imbgħad il-prosekuzzjoni staqsiet 'Mingħand l-imputat, xi darba xtrajt xi droga mingħandu?' Ix-xhud wieġeb iva u reġa kkonferma li xtara l-eroina. L-ammont pero ma kien jiftakru. A fol 150 ukoll reġgħet staqsietu l-prosekuzzjoni mingħand min kont akkwistajtha u dan qal mingħand David Schembri. Imbgħad qal 'Issa qed ngħarfu iva, a fol 151.' Hawn hekk l-avukat tad-difiża fil-kontro eżami staqsieh 'Għala ma kienx qed jidher qabel.' Ix-xhud qal li ma kienx qed jirċevi riferti u effettivament bħal ma hemm fil-proċess, dawn ħafna minnhom kienu negattivi. Huwa ftakar li darba kien tela' jixhed meta kien għad hemm il-Maġistrat illum Imħallef Cuschieri. Huwa ma kienx xehed għax il-kawża ġiet differita (ara fol 151). A fol 55 fis-17 ta' April 2002 jidher li deher Joseph Pace u l-Qorti kienet anke rrevokat il-mandat t'arrest. Id-darba ta' wara pero Joseph Pace ma deherx u l-prosekuzzjoni ma kellhiex riferti. L-avukat difensur a fol 157 staqsieh 'Imma minn dak inhar 'l hawn għala ma tlajtx?' U x-xhud qal hekk 'Sur Maġistrat, jiena fl-2001, f'Settembru ħriġt mill-ħabs. Ġejt mhedded fuq it-telefon li jekk nitla nixhed jiena ser jkolli t-trouble u lill-ispettur Ciappara avżajtu u mort id-depot u kellimtu u qatt ma ta każ. Jiena llum il-ġurnata għaddew 9 snin minn dan il-każ, għamilt programm u għamilt il-ħabs. Għandi żewġt itfal llum u għandi mara. Jiena ma jidhirlix li rrid noqgħod niġi mhedded biex niġi nixhed hawn. Għal din ir-raġuni ma ġejtx nixhed hawn. Għax jiena David Schembri kien ġieni d-dar lili biex jiena ma niġix nixhed hawn. Dik hi r-raġuni' (fol 157). Mistoqsi meta kien marlu d-dar David Schembri mill-avukat difensur, ix-xhud qal li wara l-każ eżatt. U kien mar għand in-nanna tiegħu. Hawn hekk ix-xhud qal, jekk għandu t-tape l-imputat u rrekordjani, jista jkun jafu x'sar u ma sarx dak il-jum. Ix-xhud qal li dak iż-żmien huwa kien jieħu d-droga, fol 153. U kien ilu jieħu d-droga xi 5 jew 3 snien. Mingħand David Schembri huwa kien xtara darba biss. Mistoqsi għaliex ma kien semmielhom lil ħadd iktar lill-pulizija, ix-xhud qal li l-pulizija riedu li jirrispondi meta nqabad, fol 154. U fuq il-5 snin l-oħra ma kienu staqsewh xejn. U l-avukat staqsieh 'Inti semmejt lil David Schembri fl-istqarrija hux hekk?' U x-xhud wieġeb 'Iva.' Dwar Noel

il-Ġiża huwa qal li kien ilu ma jarah mill-każ ukoll. U li kien ikun miegħu f'ħanut fil-Winter Bar Msida. Dwar Noel il-Ġiża ma jafx jekk kellux il-vizzju. Meta kien mistoqsi mill-avukat difensur dwar it-tape u x'kien dan ix-xhud qal lil Schembri, ix-xhud wieġeb 'X'riedni ngħid hu, li mhux hu tagħni d-droga għax hekk heddidni meta ħriġt mill-ħabs.' (fol 157). L-imputat kien ġie b'ġakketta d-dar, idu fil-bwiet u x-xhud beda jibża minnu. U lill-ispettur Ciappara kien kellmu. Wara l-ewwel darba li kien mar l-imputat għandu ma kien mar imkien, pero imbgħad wara li ħareġ mill-ħabs u kien heddu fuq it-telefon li jekk jitla jixhed ser ikollu t-trouble, imbgħad iva kien mar għand l-ispettur Ciappara d-depot u mar anke fl-għassa ta' l-Msida (fol 158).

David Schembri l-imputat xehed fl-24 ta' Novembru 2006. Huwa qal li kien mar il-ħanut l-Ġżira King's Rest Bar u sar jaf lil Joseph Pace imlaqqam bħala l-Parapett li kien inqabad b'xi 5 grammi. Darba l-imputat kien għaddej mill-Ħamrun meta Noel il-Giża waqqfu u qallu li ried ikellmu. Dan Noel il-Giża huwa Noel Farrugia. Huwa kien staqsieh fuq l-istqarrija li kien għamel il-Parapett kontrieh. Hawn hekk l-imputat kien qal li lill-Parapett ma kienx begħlu droga. Hawn hekk a fol 166, l-imputat qal li meta sema' dan kien ppanikkja u mar ifittex lil Joseph Pace. U staqsieh għaliex kien għamillu statement fuq il-5 grammi. Skond l-imputat, Joseph Pace qallu li mhux veru. Hawn hekk l-imputat qal li kien ġabru l-ispettur Ciappara u wrieh l-istatement tiegħu. Ma kien veru xejn li ġabru l-ispettur Ciappara iżda l-imputat ried illi x-xhud jaħseb illi verament kien ġabru l-ispettur Ciappara. Skond l-imputat, a fol 166, Joseph Pace kien qallu li dak il-ħin kien qiegħed sick mejjet u meta sabulu l-5 grammi u sabu xi telefons, l-ispettur dawn ġibthom mingħand dan tal-Belt etc. Wara qal li l-ispettur beda jgħidlu li dawn ġabhom mingħand David ta' Ta Sliema u li kien semma lill-imputat. Huwa qallu li tant kien semmieh l-ispettur Ciappara li qabad u qal iva. L-imputat kien qal lix-xhud biex jgħdi il-verita li ma riedx għax fuq ġurament falz tista teħel sentejn ħabs. L-imputat hawn qal lix-xhud Joseph Pace, qallu biex ma teħilx sentejn ħabs, tfajtha fuqi. Hawn hekk l-imputat qal li kien dipendenti fuq id-droga u ċaħad li kien biegħ xi ħaġa lil Joseph Pace. L-imputat qal li dak iż-żmien kellu

negozju tiegħu u kien ilu 9 snin jaħdem u vera kien jixtri d-droga, (fol 169). Huwa qal li kien jaf lil Joseph Pace. Ix-xhud qal a fol 169 li veru kien xtara recorder u rrekordjah. Kien vera mar għand in-nannu tiegħu bil-ġakketta u tefa r-recorder on u beda jkellmu. L-imputat ried jgħid li Joseph Pace induna li kien qed jirrekordjah mill-istil ta' mistoqsijiet li kien qed jagħmillu. L-avukat difensur beda jaqra l-istqarrija li kien għamel l-imputat għand il-pulizija a fol 170 sa 172. Meta l-imputat kien mistoqsi jekk iridx iżid xi ħaġa oħra, qal li meta ġew is-CID jagħmlu tfittxija d-dar, ma kienu sabu xejn. Huwa qal li meta mar id-depot għand is-supretendent Ciappara, qallu meta tkellimni inti nixtieq inkellmek jiena. Hu qal li l-ispettur Ciappara dak iż-żmien kien qallu li ltaqa' mal-Parapett u rrakuntalu li kien ġabru l-ispettur Ciappara u wrieh l-istatement tiegħu. L-ispettur Ciappara beda jirrabja u l-ispettur Ciappara dak iż-żmien kien rrilaxxjah. Dwar it-theddid hu qal li vera kien hemm żmien meta kien hedded lill-Parapett. Hu qal li kien għamel hekk għax kien jaf li kien xtrahom mingħand Noel il-Giża u ma kixfux għax ħabib tiegħu u għax missieru għandu s-saħħa. A fol 174 qal li kien hemm veru mumenti li fih kien hedded lil Joseph Pace. L-imputat baqa' jinsisti meta mistoqsi mill-prosekuzzjoni li sia Joseph Pace u sia ommu kienu jgħidulu li mhux tiela' għax-xhieda għax il-pulizija ma jafux fejn joqgħod u speċi ommu riedet tfehmu li l-iżball li għamel hu għax fil-verita dawn kienu jafu li dan xtara mingħand Noel Farrugia u mhux mingħand l-imputat. Il-prosekuzzjoni qalet pero li Joseph Pace meta tela' jixhed kkonferma dak li qal qabel. Hawn hekk reġa qal għat-tielet darba l-imputat a fol 175 illi vera li kien hedded lil Joseph Pace u dan kien sens komun. Joseph Pace fil-fatt kien għamel rapport lis-Supretendent Ciappara li l-imputat kien heddu u l-imputat reġa a fol 176 kkonferma li kien hedded lil Joseph Pace. L-imputat baqa' jgħid li dam ma tela' jixhed Joseph Pace minħabba li kien heddu iżda wkoll għax Joseph Pace kien jaf il-verita'.

Xehed ukoll is-Supretendent Nicholas Ciappara a fol 178. L-avukat difensur staqsa lis-Supretendent Nicholas Ciappara jekk fil-fatt li m'hawnx traskritti li jirrelataw għal din l-istorja li d-droga inxtrat mingħand il-Giża mhux

mingħand l-imputat u s-Supretendent Ciappara qallu iva. U dawn id-domandi beda jagħmilhom minn informazzjoni li tah l-imputat stess, fol 179. Hawn hekk ix-xhud qal li Joseph Pace kien għamillu rapport qabel l-imputat a fol 179. U hawn intalab iġib il-fedina penali ta' Noel Farrugia l-Giża kif wkoll ta' Joseph Pace. Dawn fil-fatt ġew riprodotti, ta' Noel Farrugia a fol 182 et u ta' Joseph Pace a fol 184 et. A fol 79 tal-proces, parti mill-proces verbal tal-Maġistrat Inkwerenti, hemm ukoll miktub dan li ġej 'Fuq parti oħra annessa wkoll jinsab imniżżel in-numru ta' David cioe 0942 1725 liema numru ġie miktub mill-istess David.'

Fit-trattazzjoni, is-Supretendent Ciappara bħala prosekutur qal illi hemm evidenza illi l-imputat kien biegħ lil Pace eroina f'ammont ta' 5 grammi li għal dawn Joseph Pace kien ħallas LM175. Fil-fatt hemm l-istqarrija quddiem il-Maġistrat Inkwerenti Dr. Apap Bologna.

Id-difiża qalet illi l-fedina penali ta' Pace ma hija xejn sabiħa u li dan Pace huwa midħla tad-droga. Hija rreferiet wkoll għal dak li qal l-imputat illi Joseph Pace kien qal li mhux veru kien xtrah mingħandu. Ix-xhud Pace dam ma tela'. Fl-aħħar ġie wara 6 snin. Huwa beda jibża jitla' l-Qorti minħabba li ħassu mhedded. Meta xehed l-imputat, l-imputat żamm kalm u ta rendikont dettaljat.

<u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>

Il-Qorti hawn hekk għandha quddiemha,

(a) l-istqarrija ġuramentata quddiem il-Maġistrat Inkwerenti li ai terminu ta' l-Artikolu 30A hija valida bħala evidenza,

(b) il-fatt li Joseph Pace dam ma tela' numru ta' snin

(c) ix-xhieda ta' Joseph Pace quddiem il-Qorti kif preseduta u

(d) ix-xhieda ta' l-imputat

Il-Qorti ħarset tajjeb lejn ix-xhieda kif ngħatat fl-10 ta' Ottubru 1998 fejn dan Joseph Pace fl-istqarrija tiegħu kien ta rendikont prattikament ta kif ġab l-affarijiet li għandhom x'jaqsmu mad-droga biċċa biċċa. Kien ddeskriva x'kien

qed jagħmel ċertu Renato minn Ħal Balzan għand dan Joseph Pace u a fol 81 jissemma dan Renato. A fol 82, tissemma l-figura ta' Lm175 għal 5 grammi li prattikament huwa l-użin li kkonferma l-ispiżjar Mario Mifsud u meta qal minn fejn xtraha, semma mill-ewwel lill-imputat kif wkoll it-telefon number tiegħu. U f'page 82 prattikament l-iktar li hija ddedikata fuq din il-kwistjoni għax imbgħad ddur fuq ir-raża tal-cannabis u hawn hekk jirreferi għal ċertu Għarbi u dak huwa kollox.

Joseph Pace fil-fatt tassew illi dam ma tela' biex jixhed pero huwa kien qal illi kien tela' darba u ġiet differita u dan jinsab kkonfermat a fol 55 tal-proċess u l-mandat t'arrest ma bediex jiġi effettwat. Effettivament imbgħad beda l-imputat ma jidhirx a fol 115 u 116, 118, 120 u imbgħad deher fil-25 ta' Ottubru 2004. Joseph Pace ma ġiex rintraċċjat skond il-verbal. A fol 123 kien l-imputat li reġa ma deherx, a fol 124 ma deherx l-imputat u imbgħad deher fit-28 ta' Ġunju 2005. Hemm salt riferti negattivi. Fl-aħħar meta deher Joseph Pace ta n-numru u l-indirizz fejn joqgħod a fol 143. Joseph Pace fil-fehma tal-Qorti meta deher quddiemha, għall-ewwel dan lanqas ried jixhed kontra l-imputat u kien għaliex il-Qorti ġibditlu l-attenzjoni għal darba tnejn tlieta li kien bil-ġurament li fl-aħħar beda jiċċaqlaq u meta tkellem għaraf li kien xtraha mingħand l-imputat, ara fol 150, u qal ukoll li ma kienx rċeva riferti f'fol 151. Spjega għaliex ma kienx tela' b'mod ċar a fol 152 u hawn semma t-theddid. U qal li kien mar David Schembri d-dar u dan kollu huwa kkonfermat mix-xhieda ta' l-imputat stess li kien marlu d-dar lil dan ix-xhud. A fol 157 meta kien mistoqsi dwar x'kien qal f'dan it-tape, ix-xhud qal 'Jiena għidt dak li riedni ngħid l-imputat jiġifieri li mhux hu tagħni d-droga għax kien heddidni meta ħriġt mill-ħabs.' A fol 158 dan ix-xhud qal li kien mar għand Ciappara mhux l-ewwel darba li kien mhedded imma wara li ġie mhedded drabi oħra.

Il-Qorti wkoll qed tikkonsidra x'qal l-imputat illi hedded lix-xhud u dan kkonfermah għal darba, tnejn, tlieta, erbgħa. Jiġifieri kkollabora dak li kien qal ix-xhud Joseph Pace. L-imputat qal wkoll li x-xhud Joseph Pace kien qallu li lill-pulizija kien qallhom bl-isem David Schembri għaliex kien

qed iħossu sick u ried speċi jagħti isem u li ma kienx ried imur għand l-ispettur Ciappara għax inkella fuq ġurament falz jeħel sentejn ħabs. Il-Qorti tinnota li meta deher quddiemha, Joseph Pace ma biddel xejn mill-verżjoni ta' qabel u semma elementi illi reġgħu ssemmew mill-imputat nnifsu, speċjalment tat-theddid. Dwar il-kwistjoni tal-ġurament falz, huwa ċar illi kieku x-xhud Joseph Pace qabad u qal verżjoni oħra u ċaħad dak li qal quddiem il-Maġistrat Inkwerenti, kien jaf li ser isib ruħu fit-trouble. Issa quddiem il-Maġistrat Inkwerenti, wieħed jinnota illi Joseph Pace mhux biss kkonferma l-istqarrija li kien għamel għand il-pulizija iżda saħansitra kkonferma r-ritratt u barra r-ritratt kkonferma l-kwistjoni tat-telefon number illi qal li kitbu l-imputat stess. Dan kien dettall li lanqas biss intqal minn Joseph Pace fl-istqarrija iżda qalu quddiem il-Maġistrat Inkwerenti a tempo vergine.

Bir-rispett kollu din il-Qorti temmen il-verżjoni ta' Joseph Pace. Issa l-fatt illi waqt l-interrogazzjoni ta' l-imputat kien hemm refernzi għal Noel Farrugia għaliex kien hemm mistoqsijiet dwar hekk, dan ma jbiddel xejn mill-verċita' ta' l-istqarrija li kien għamel Joseph Pace. Fil-fatt il-Qorti eżaminat ukoll dawn il-mistoqsijiet u dawn il-mistoqsijiet huma kollha relatati ma' l-istorja li qal l-imputat stess li kien mar dan Noel Farrugia jew javżah illi Joseph Pace kien għamel stqarrija kontra tiegħu. Huma kollha relatati ma hekk. Fl-aħħarnett il-Qorti qieset wkoll il-kwalita ta' fedina penali illi għandu Joseph Pace li jidher li fit-2001 kien intbgħat 9 xhur ħabs u ngħata Lm600 multa għaliex din id-droga ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu u dan fuq l-avvenimenti ta' l-10 ta' Ottubru 1998 li huma imsemmijin fl-istqarrija stess. L-imputazzjoni l-oħra li hemm fit-2003 hija fuq kwistjoni ta' snieter u armi tan-nar. Dwar Noel Farrugia, l-avukat anke qal illi dan kellu każ it-Turkija, għandu każ tad-droga tat-30 ta' Settembru 1998 fejn kien weħel Probation għal sentejn filwaqt illi fit-12 ta' Frar 1999 dan Noel Farrugia jidher li kien ħa sehem f'xi magni dwar iż-żwiemel. Il-Qorti qed tagħmel din ir-riflessjoni. Mhux bilfors li għax xhud ikollu fedina penali mhux nadifa, allura bilfors dak kollu li qed jgħid mhux veru. Da parti ta' Joseph Pace meta kien qed jixhed quddiemha, il-Qorti rat illi dan prattiakament ma riedx jixhed kontra l-imputat

għaliex kien qed jgħarfu u kien qed jgħid illi mhux qed jgħarfu. Fl-aħħar bdiet toħroġ il-kwistjoni tat-theddid, u l-imputat dan it-theddid ma ċaħdux, anzi ikkonfermah. Anke t-tul ta' żmien biex ma ġiex Joseph Pace jixhed, jidher li hemm raġunijiet tajbin għalih fil-proċess nnifsu. Huwa ma ġiex biss mhux minħabba t-theddid imma wkoll għaliex il-pulizija ma kienux qed isibuh. Meta wiżnet kollox il-Qorti u rat l-istqarrija li saret fin-1998 u li kienet tkopri l-perjodu li huwa imsemmi fiċ-ċitazzjoni jiġifieri f'Settembru 1998 forna jew pprokura jew offra li jforni d-droga eroina, il-Qorti hija moralment konvinta illi dak li qal Joseph Pace kien il-verita u għal hekk l-imputazzjoni dedotta kontra l-imputat kienet ppruvata mhux biss permezz tal-istqarrija ai terminu ta' l-aRtikolu 30A tal-Kap 101 iżda wkoll tax-xhieda mogħtija minn Joseph Pace viva voce.

Għal hekk il-Qorti qed tara l-kwistjoni tar-riċediva. Dan veru ġew ppreżentati s-sentenzi pero ma jidhirx li xi darba saret l-identifikazzjoni ta' l-imputat u lanqas ma kien hemm esenzjoni dwar din l-identifikazzjoni min-naħa tad-difiża. Għal hekk fil-fehma tal-Qorti ir-riċediva ma ġietx ppruvata mill-prosekuzzjoni.

<u>Konklużjoni</u>

Għal hekk il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17H, 49 u 50 tal-Kap 9 kif wkoll ir-Regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939 u t-Taqsima 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) u 22(1B) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta ssib lill-imputat ħati ta' l-ewwel u tat-tieni imputazzjoni bl-ewwel imputazzjoni assorbita fit-tieni waħda u qed tilliberah mit-tielet imputazzjoni. Il-Qorti wara li qieset iċ-ċirkostanzi tal-każ kif wkoll li dan il-każ jidher li seħħ fin-1998 u kien hemm ċertu trapass taż-żmien, ai termini tad-deċiżjoni tal-Qorti Ewopea dwar id-drittijiet tal-Bniedem 'Beck vs Norway' qed tikkundanna lill-imputat għal disa' xhur priġunerija u għal ħlas ta' LM300 multa. Il-multa tista titħallas f'rati mensili ta' Lm20 kull xahar bl-ewwel pagament isir fi żmien 4 ġimgħat millum. Jekk xi pagament ma jitħallasx, il-bilanċ ikun dovut kollu f'daqqa. Jekk xi parti minn din il-multa ma titħallasx, allura kull LM5 mhux imħallsa jinbidel

f'jum priġunerija.  Il-Qorti mhix ser tapplika l-Artikolu 533 tal-Kap 9 minħabba illi jidher illi dan ix-xogħol kien sar taħt inkjesta u dan kollu sar qabel is-16 ta' Jannar 2006. Għal hekk ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap 9 mhix ser tikkundanna lill-imputat għall-ispejjeż ta' l-esperti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------